MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022

Appell Inferjuri Numru 197/2019 LM

**Graziella Farr (K.I. nru. 430672(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Celan Limited (C 75012)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Celan Limited (C 75012)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda it-

talbiet tar-rikorrenti **Graziella Farr (K.I. nru. 0430672(M))** fil-konfront tagħha, kif ġej:

> *"...filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni misjuba fl-aħħar paragrafu tal-eċċezzjonijiet, jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, u jilqa' parzjalment it-talbiet tal-attriċi, u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef, mitejn u tnejn u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€3,272.50), bl-imgħax mill-20 t'April 2019 sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż u drittijiet, kif mitluba, għandhom jitħallsu kwantu għal erbatax fil-mija (14%) mill-attriċi u sitta u tmenin fil-mija (86%) mis-soċjetà konvenuta".*

## **Fatti**

2. Is-soċjetà appellanta tiġġestixxi aġenzija tal-proprjetà, u l-appellata li kienet taħdem għal rasha, kienet tippresta s-servizzi tagħha f'dan in-negozju billi titħallas *commission* u anki *bonus,* iżda dan mingħajr ftehim bil-miktub bejniethom. L-appellata kienet dehret fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà f'isem is-soċjetà appellanta fl-20 ta' April, 2019 quddiem in-Nutar Anthony Abela, iżda l-imsemmija soċjetà appellanta kienet naqset milli tgħaddilha l-*commission* dovuta lilha u anki l-*letting bonus* għax-xahar ta' Marzu 2019.

## **Mertu**

3. L-appellata għalhekk ippreżentat talba quddiem it-Tribunal fil-konfront tas-soċjetà appellanta għall-ħlas tal-imsemmija *commission* u anki l-*letting bonus* tax-xahar ta' Marzu 2019, bl-imgħax sad-data tal-ħlas u bl-ispejjeż tal-proċedura u tal-ittra uffiċjali nru. 1287/19, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-23 ta' Awwissu, 2019 fejn eċċepiet li l-pretensjonijiet tal-appellata kienu u għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi l-attriċi xehdet illi kienet tadħem bħala sensar għal rasha kemm għal bejgħ u kiri ta' proprjetà.*
>
> *Illi għal xi żmien hija kienet f'relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, li hija agenzija tal-bejgħ u l-kiri, u dan billi kienet tqarreb xerrejja jew kerrejja prospettivi lejn proprjetà li kienet reġistrata għall-bejgħ jew kiri mal-istess soċjetà.*
>
> *Illi għar-rigward tal-kirijiet, il-*commission *li kienet tieħu l-attriċi kien ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-kirja ta' xahar, u ma' dawn kellhom jiżdiedu ħamsa fil-mija (5%) oħra jekk il-klijent issibu hi, u ħamsa fil-mija (5%) oħra jekk il-proprjetà ssibha hi, biex b'hekk setgħet iddaħħal massimu ta' sittin fil-mija (60%) tal-valur ta' xahar kera. Ma' kull erba' (4) proprjetajiet li kienet tikri, kienet titħallas mitejn Euro (€200) bonus, u ma' kull żewġ (2) proprjetajiet sussegwenti kienet titħallas mitt Euro (€100). L-attriċi f'Marzu 2019 kienet ikkonkludiet ħames kirjiet, u filwaqt li fuq dawn kienet irċeviet il-*commission*, baqgħet ma tħallsitx il-bonus ta' mitejn Euro (€200) talli kkonkludiet iktar minn erba' (4) kirjiet.*
>
> *Fir-rigward tal-bejgħ, l-attriċi kienet sabet kemm il-proprjetà kif ukoll ix-xerrejja prospettivi b'inizjattiva tagħha, u mhux għaliex kienu diġà eżistenti fuq is-sistema tas-soċjetà konvenuta. Però dan in-negozju għamlitu xorta taħt il-kappa tas-soċjetà konvenuta, tant illi finalment dehret li kienet qed tidher għan-nom tas-soċjetà konvenuta fuq il-kuntratt. L-attriċi xehdet li infurmat lil Cecil McCarthy, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta, li kienet ser tkun preżenti għall-bejgħ in kwestjoni ta' proprjetà fil-Kappara, u dan qalilha biex tmur it-Tnejn ta' wara u jirranġaw kollox. Fil-fatt il-bejgħ sar, iċ-cheque tas-senserija ħareġ pagabbli lis-soċjetà konvenuta, u s-soċjetà konvenuta ipprovdiet ukoll ir-riċevuta fiskali għall-istess. Sussegwentement l-attriċi marret l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta, flimkien ma' żewġha, li xehed ukoll, u*

*Cecil McCarthy kien wiegħdhom li ħa jħallasha ta' kollox, anke tal-bonus, u talab lill-attriċi tibgħatlu e-mail, li bagħtitlu malli ħarġet mill-uffiċċju tiegħu. Xehdet ukoll li kien baqgħalha għalhekk titħallas 60% tal-*commission *li daħħlet is-soċjetà konvenuta, li jammonta għal tlett elef ħames mija u sebgħin Euro (€3,570), li flimkien mal-mitejn Euro (€200) tal-bonus jagħmlu l-ammont li qed jintalab fil-kawża odjerna.*

*Illi Cecil McCarthy, direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed illi l-attriċi kienet taġixxi b'mod li tipprova toħloq żvantaġġ għal kollegi tagħha sabiex tkun tista' tressaq hi lill-klijenti lejn il-proprjetajiet u mhux l-istess kollegi. F'Marzu 2019 kien hemm inċident li wassal sabiex l-attriċi ma baqgħetx f'relazzjoni professjonali mas-soċjetà konvenuta. Huwa ta struzzjonijiet lill-attriċi sabiex tikkonkludi kull kuntratt ta' kiri li kellha sal-aħħar ta' Marzu u dan sabiex is-soċjetà konvenuta jkollha rendikont ta' dak li kien hemm pendenti. Fid-9 t'April 2019 l-attriċi tħallset ta' kull kuntratt li kellha pendenti dakinhar. Ix-xhud spjega illi s-senserija kienet dovuta biss lil Celan Limited kif wara kollox jindika l-kuntratt ta' bejgħ relattiv. In kontro-eżami xehed illi x-xerrejja kienet sabithom l-attriċi, iżda ma qabilx li l-attriċi kienet sabet ukoll lill-venditur, u dan skont hu il-venditur kien diġà reġistrat fis-sistema tas-soċjetà konvenuta. Dwar dan l-attriċi baqgħet tinsisti li kienet hi li sabet il-proprjetà, anke peress li żewġha 'jbiegħ lill-kuntratturi' u kien minn hemm li sabitha; iżda dan il-punt għat-Tribunal baqa' skopert u mhux konvinċentement pruvat.*

*Ikkunsidra ulterjorment:*

*Illi t-Tribunal ikkunsidra wkoll ix-xiehda l-oħra li xehdu. Filwaqt li dawk prodotti mill-attriċi jikkorroboraw dak li qalet fis-sens li kkonfermat li Cecil McCarthy kien ikkonferma quddiemhom li kien se jħallas lill-attriċi, ix-xiehda l-oħra prodotti mis-soċjetà konvenuta ippuntaw iktar lejn l-atteġġjament u l-karattru tal-attriċi, iżda ftit li xejn taw dawl fuq il-mertu proprju tal-każ.*

*Illi li ġie ppruvat fiż-żgur huwa illi kien bil-ħidma tal-attriċi illi l-bejgħ tal-appartament fil-Kappara seħħ. Kienet hi li taf personalment lix-xerrejja, stante li kienu omm u missier it-tfajla ta' binha, u s-soċjetà konvenuta ma seta' qatt ikollha aċċess għal dawn ix-xerrejja jekk mhux bl-opera tal-attriċi.*

*Illi għandu jirriżulta wkoll illi għalkemm Cecil McCarthy qal li kien jaf kollox dwar dan il-bejgħ, ippermetta illi l-attriċi tattendi għall-konvenju tal-istess hi, kif ukoll irrilaxxa d-debita riċevuta fiskali għas-senserija wara li sar il-bejgħ, meta kien ġià jaf illi l-attriċi kienet ħadmet għall-bejgħ u kienet preżenti anke għall-kuntratt, tant illi kienet l-attriċi li kellmitu fuq il-kwistjoni tar-riċevuta fiskali, u dan propju sabiex in-Nutar jirrilaxxa c-cheque tas-senserija.*

*Illi għalkemm is-soċjetà konvenuta qed issostni illi kienet ħallset lill-attriċi wara li temmet ir-relazzjoni minn magħha, u dan permezz ta' ħlas għas-saldu, ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-ħlas magħmul kien għas-saldu. Anzi, għall-kuntrarju, Cecil McCarthy indika lill-attriċi li kellha tikkonkludi dak li kellha pendenti dakinhar li ġiet terminata r-relazzjoni professjonali ta' bejniethom f'Marzu 2019. Iktar minn hekk, l-attriċi u x-xiehda tagħha indikaw li Cecil McCarthy kien aċċetta quddiemhom li jħallas lill-attriċi għal dak li qed titlob f'din il-kawża.*

*Illi t-Tribunal jinnota illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kinitx waħda ta' impjegat u prinċipal. Ma kienx hemm kontestazzjoni fil-fatt illi l-attriċi kienet qed taħdem għal rasha, iżda b'kollaborazzjoni mas-soċjetà konvenuta. Illi meta s-soċjetà konvenuta qed tippretendi illi ladarba waqfet ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-attriċi ghandha tissokkombi għal dan kollu u terħi kull ma laħqet ħadmet fuqu, qed tagħmel pretensjoni żbaljata. F'din il-kawża, it-Tribunal mhux ħa jidħol fil-mertu tar-raġuni għalfejn intemmet ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, għaliex dan mhux il-mertu ta' din il-vertenza, iżda ladarba l-attriċi, bħala persuna li tagħti servizz, kienet laħqet tat servizz billi laqqgħet lix-xerrejja mal-vendituri fuq proprjetà partikolari, ta' dan is-servizz ħaqqha titħallas. Il-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, li verament sar wara li ntemmet ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, kienet biss l-aħħar pass formali sabiex jissiġilla din il-ħidma tagħha, iżda irrispettivament minn jekk dan il-kuntratt sarx f'April jew f'Ġunju, u irrispettivament minn jekk l-attriċi kellhiex il-jedd li tirrappreżenta lis-soċjetà konvenuta fuq dak il-kuntratt, il-ħlas għax-xogħol xorta huwa dovut, bil-modalitajiet illi kienu jitħaddmu bejn il-partijiet dak iż-żmien, u ċioé ta' ħamsin fil-mija mis-senserija bħala somma bażika, ħamsa fil-mija oħra jekk ix-xerrej jinstab mill-attriċi, u ħamsa fil-mija oħra jekk il-post għall-bejgħ jinstab mill-attriċi. Fuq dan l-aħħar punt baqgħet ma saritx prova konvinċenti mill-attriċi, iżda mill-bqija, fuq is-somma ta' ħamsin fil-mija, oltre l-ħamsa fil-mija talli sabet lix-xerrejja, il-provi juru li dan għandu jkun il-ħlas dovut lill-attriċi. Għalhekk it-Tribunal jiddikjara illi l-attriċi ħaqqha titħallas is-somma ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) mis-somma perċepita mis-soċjetà konvenuta bħala senserija għall-bejgħ in kwestjoni, b'kollox għalhekk is-somma ta' €3,272.50.*

*Illi kwantu għas-somma ta' mitejn Euro (€200) għall-bonus, is-soċjetà konvenuta ssottomettiet illi dan kien a diskrezzjoni tad-diretturi tal-istess soċjetà jekk jagħtuhx jew le. Mhux kontestat li fuq dawn il-kirjiet l-attriċi kellha titħallas il-*commission*, li fil-fatt tħallset. Li huwa kontestat huwa jekk għandux jitħallas il-bonus minħabba li l-attriċi kkonkludiet iktar minn erba' (4) kirjiet. Illi d-diretturi tas-soċjetà konvenuta qed isostnu illi ma tawx il-bonus għaliex ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet; sa dakinhar fil-fatt il-bonus kien tħallas dejjem. Dan minkejja illi s-soċjetà kovenuta*

*allegat permezz tax-xhieda tagħha illi l-attriċi kellha atteġġjament ħażin fil-konfront tal-kollegi tagħha. It-Tribunal jiddikjara però li jaqbel mal-linja tas-soċjetà konvenuta dwar il-bonus. 'Bonus' huwa dejjem a diskrezzjoni tal-prinċipal jekk jagħtiehx jew le, sakemm ma jkunx statutorjament marbut li jagħtieh. Din id-diskrezzjoni tal-prinċipal, anke fil-każ odjern, it-Tribunal mhux ħa jissostitwiha b'dik tiegħu, għaliex fil-verità l-prinċipal f'dan il-każ kellu l-libertà li jagħżel li jagħti jew ma jagħtix tali bonus, u għalhekk lanqas dan it-Tribunal m'huwa ser jgħaddi sabiex jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas tali bonus lill-attriċi."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Novembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"i) Tilqa' l-aggravji kollha tas-soċjetà appellanti, u*

*ii) Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata Graziella Farr."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) it-talba attriċi hija legalment improponibbli; u (ii) it-Tribunal għamel apprezzament mhux ġust tal-fatti u l-provi prodotti.

7. Fir-risposta tagħha l-appellata ssostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għaldaqstant timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji li qegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li qies it-Tribunal u li ddeċieda, meħud in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet li qegħda tagħmel l-appellata.

9. Meta tippreżenta l-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tispjega li wieħed mill-ilmenti prinċipali tagħha quddiem it-Tribunal kien li l-appellata naqset li tikkjarifika kif kienu msejsin it-talbiet tagħha, jiġifieri jekk it-talba tagħha kinitx waħda kuntrattwali jew kważi kuntrattwali, u dan kellu jwassal sabiex it-Tribunal jiskarta t-talbiet tagħha fid-dawl tal-massimu Latin *electa una via non datur recursus ad alteram.* B'hekk ukoll it-Tribunal iddeċieda favur l-appellata, mingħajr ma wera fuq liema provvediment tal-liġi huwa kien qiegħed isejjes id-deċiżjoni tiegħu. Għal dak li jirrigwarda rabta kuntrattwali, is-soċjetà appellanta tissottometti li sa fejn it-talba, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal, huma msejsa fuq rabta kuntrattwali, l-appellata ma ppreżentat l-ebda kuntratt bil-miktub, u l-istess appellata sostniet li r-relazzjoni tagħha mas-soċjetà appellanta kienet waħda regolata b'kuntratt verbali. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija rrikonoxxiet dan, tant hu hekk li kkonfermat ir-rati li bihom kienet tħallas lill-appellata, iżda dan sakemm hija kienet għadha qegħda taġixxi f'isimha. Is-soċjetà appellanta tgħid li madankollu dak li jibqa' ikkontestat huwa l-fatt li tali kuntratt ġie terminat fil-mument li ntemmet ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejn il-partijiet, u tinsisti li kien proprju f'dak il-mument li ġie estint kull dmir jew obbligu tal-partijiet lejn xulxin, partikolarment għaliex it-terminazzjoni kienet waħda reċiproka. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li sad-data tat-terminazzjoni hija kienet ħallset lill-appellata dak kollu li kien dovut lilha, u dan kif ikkonfermat

minn diversi xhieda, b'dana li l-appellata ma kienet għamlet l-ebda riżerva għal xi ammont ieħor li seta' kien dovut lilha. Għalhekk it-Tribunal kellu jqis li dan il-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma kienx jipprovdi għal dak li kellu jsir sussegwenti għat-tmiem tiegħu, anki bħal ma ġara fil-każ odjern fejn l-appellata ma kinitx aktar qegħda tirrappreżenta lis-soċjetà appellanta. Iżda mbagħad jekk kellu jitqies li t-Tribunal ikkonsidra t-talba tal-appellata bħala waħda kważi kuntrattwali, dan qatt ma seta' jagħmlu għaliex it-talba tal-appellata qatt ma kienet imsejsa b'dan il-mod, fejn hija ma talbitx sabiex jiġi llikwidat kumpens ġust u xieraq, iżda talbet għall-ħlas ta' ammont partikolari, fi kliemha *"persentaġġ ta'* commission". It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-apprezzament tat-Tribunal tal-fatti u tal-provi, li allegatament ma kienx wieħed ġust. Hija tissottometti li dan sar fir-rigward ta' żewġ elementi u tgħaddi sabiex tispjega: (i) kuntrarjament għal dak allegat mill-appellata, l-involviment ta' din tal-aħħar fil-kuntratt ta' akkwist kien wieħed minimu għall-aħħar, kif spjegat fit-tul mir-rappreżentanti tagħha. Tgħid li kif muri fil-mori tal-kawża, l-appellata kienet inkarigata bħala sensara tal-kiri tal-proprjetà immobbli, iżda mhux fuq il-bejgħ kif allegat minnha. Fuq il-kuntratt in kwistjoni hija kienet qegħda tassisti lil wieħed mid-diretturi, Cecil McCarthy, u dan bħala taħriġ. Is-soċjetà appellanta tammetti li l-appellata kienet taf lix-xerrejja, iżda s'hemm kien jasal il-kontribut tagħha sabiex jiġi magħluq in-negozju, u bl-ebda mod ma kienet strumentali għalih. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ma kien ifisser xejn il-fatt li hija kienet marret minn wara dahar is-soċjetà appellanta u għamlet l-aħħar preparamenti man-nutar u mal-partijiet sabiex jiġi ppubblikat l-att finali, minn fejn kien jirriżulta li d-dritt kien dovut direttament lis-soċjetà appellanta. Tkompli tgħid li fil-ħin tal-pubblikazzjoni tal-att, l-appellata ma

kellha l-ebda rabta magħha, u għalhekk ma kellha l-ebda dritt għal *agency fee*; (ii) dwar it-tieni element sollevat minnha, is-soċjetà appellanta tissottometti li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tax-xhieda kollha miġjuba minnha dwar l-aġir in *mala fede* tal-appellata fil-konfront tar-rappreżentanti u l-impjegati tagħha, fejn hija rat kif tagħmel gwadan personali għad-detriment tal-kollegi tagħha. Is-soċjetà appellanta, filwaqt li taċċetta li t-Tribunal kien korrett meta qal li l-forum preżenti mhuwiex dak ġust fejn wieħed seta' jitkellem dwar l-aġir u l-imġiba tagħha, il-provi kienu juru li t-teżi tal-appellata kienet waħda skorretta.

10. L-appellata laqgħet għall-ewwel aggravju, billi ssottomettiet li dan huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant għandu jiġi miċħud. Tirrileva li s-soċjetà appellanta ma kienet qajmet l-ebda eċċezzjoni preliminari quddiem it-Tribunal, li l-avviż kien wieħed monk minħabba nuqqas ta' kjarezza fl-azzjoni, jew minħabba konfużjoni ta' talbiet konfliġġenti. Għalhekk it-Tribunal ma kienx tenut jidħol f'dan l-argument u b'hekk hija ma kienet ingħatat l-ebda opportunità jew ħtieġa li tressaq sottomissjonijiet fir-rigward. L-appellata tikkontesta l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' kjarifika tat-talba tagħha, u filwaqt li tagħmel riferiment għas-sentenza appellata, tgħid li t-Tribunal ma kellu l-ebda diffikultà li jaqta' u jiddeċiedi t-talbiet tagħha. Minbarra dan, kien magħruf sew li r-rigorożità u l-formaliżmu legali u ġuridiku mistennija f'azzjonijiet fil-qrati superjuri, ma kienux meħtieġa f'proċeduri tat-Tribunal, u saħansitra l-liġi stess kienet tikkontempla li l-kawżi għandhom jiġu deċiżi skont l-ekwità, iżda t-Tribunal kellu diskrezzjoni wiesgħa li jaċċerta li ssir il-ġustizzja. L-appellata tikkontendi li l-fatt li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub, ma kien ifisser xejn

meta mill-provi kien irriżulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim verbali. Dan kollu tgħid li kien ġie ppruvat permezz tax-xhieda tal-partijiet u anki tad-dokumentazzjoni. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellata ssostni li dan ukoll huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud. Tibda billi tirrileva li skont il-każistika, din il-Qorti m'għandhiex tiskarta faċilment l-apprezzament magħmul mill-ewwel qorti, mingħajr raġunijiet impellenti li jpoġġu f'dubju gravi u serju l-eżerċizzju tal-ewwel qorti, f'dan il-każ it-Tribunal. Iżda fil-każ odjern is-soċjetà appellanta ma kienet ressqet l-ebda sottomissjoni jew argument li seta' jiġġustifika għalfejn din il-Qorti kellha tiddipartixxi minn dan il-principju. Tgħid li fil-mertu madankollu għandu jirriżulta li l-aggravju huwa wieħed frivolu, u għandu jitwarrab kif juru l-provi. L-appellata tirrileva li t-Tribunal kien qies li mingħajr l-involviment tagħha l-kuntratt ma kienx isir u fil-fatt kienet hi li sabet il-proprjetà, sabet il-bejjiegħa u ħadet ħsieb l-arrangamenti kollha meħtieġa, u kienet preżenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali. Dan filwaqt li d-diriġenti tas-soċjetà appellanta ammettew li la huma u lanqas xi persuna oħra min-naħa tagħha, ma kellhom xi rwol jew xi involviment fl-imsemmija pubblikazzjoni, u ħadd ma kien ħa *over* l-istess kuntratt wara li l-appellata temmet ir-relazzjoni tagħha mas-soċjetà appellanta. Iżda l-appellata min-naħa tagħha kienet ikkonkludiet għal kollox l-inkarigu tagħha, inkluż billi għaddiet il-pagament intier dovut lis-soċjetà appellanta. Dan wara li din tal-aħħar ma kienet għamlet l-ebda oġġezzjoni għall-involviment tal-appellata hekk kif kienet saret taf bil-pubblikazzjoni. L-appellata tissottometti li huwa inkredibbli kif is-soċjetà appellanta kienet qegħda tippretendi li għandha titwemmen il-verżjoni tagħha.

11. Il-Qorti ser tibda billi tikkonsidra l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u mill-ewwel tgħid li hija ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu. Dan għaliex kif sewwa tirrileva l-appellata fir-risposta tagħha, is-soċjetà appellanta ma tat l-ebda eċċezzjoni dwar din il-kwistjoni, li issa hija qegħda tqanqal quddiem din il-Qorti. B'hekk l-appellata ma kellha l-ebda opportunità sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet u tressaq id-difiża tagħha quddiem it-Tribunal, fejn il-kwistjoni kellha tiġi dibattuta u eventwalment deċiża minn dak it-Tribunal, qabel ma terġa' titressaq quddiem din il-Qorti tal-Appell sabiex jiġi sodisfatt ukoll id-dritt tad-doppju eżami.

12. Dwar it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, din il-Qorti tgħid li dan m'għandux jintlaqa', għaliex is-sentenza appellata hija waħda ġusta u tajba. It-Tribunal irrileva li l-appellata kienet sabet kemm il-proprjetà, u anki x-xerrejja prospettivi fuq inizjattiva tagħha stess. Ikkonsidra li dawn saħansitra lanqas kienu dehru fis-sistema tas-soċjetà appellanta.

13. F'dan kollu t-Tribunal qies li l-appellata dejjem aġixxiet taħt il-kappa tas-soċjetà appellanta, tant hu hekk li fuq il-kuntratt finali hija kienet qegħda tidher għan-nom tagħha. It-Tribunal ikkunsidra li l-appellata xehdet li hija kienet infurmat lil wieħed mid-diretturi tas-soċjetà appellanta, jiġifieri lil Cecil McCarthy, li hija kienet ser tattendi għall-kuntratt in kwistjoni, u dan qalilha sabiex tmur it-Tnejn ta' wara sabiex jieħdu ħsieb kollox. Il-Qorti ma ssibx li dan kien ġie kkontestat mis-soċjetà appellanta.

14. It-Tribunal tajjeb imbagħad osserva li l-bejgħ kien sar, iċ-ċekk tas-senserija ħareġ pagabbli lis-soċjetà appellanta, li wkoll ipprovdiet irċevuta

fiskali. Irrileva li sussegwentement l-appellata kienet marret l-uffiċċju tas-soċjetà appellanta flimkien ma' żewġha, li kien xehed ukoll, u l-imsemmi Cecil McCarthy wiegħed li kien ser iħallas kollox, anki l-*bonus,* u talab lill-appellata sabiex tibgħatlu *email* u hija hekk għamlet hekk kif telqet minn quddiemu. Għal darb'oħra din il-Qorti ma ssibx li dan kollu qed jiġi kkontestat mis-soċjetà appellanta.

15. It-Tribunal qal li l-appellata kienet ikkonfermat li kienet għadha trid titħallas 60% tal-*commission* li rċeviet is-soċjetà appellanta fl-ammont ta' €3,570 u anki l-*bonus* fl-ammont ta' €200, liema ammonti flimkien kienu jagħmlu s-somma reklamata. Imbagħad it-Tribunal għadda sabiex ikkonsidra x-xhieda li ta Cecil McCarthy. Irrileva li dan qal li l-appellata kienet taġixxi b'mod li tittenta tpoġġi lill-kollegi tagħha f'żvantaġġ sabiex tressaq hi lill-klijenti lejn il-proprjetajiet, u f'Marzu 2019 saħansitra seħħ inċident fejn hija ma kinitx baqgħet f'relazzjoni professjonali mas-soċjetà appellanta. It-Tribunal qal li Cecil McCarthy kien xehed li huwa kien imbagħad ordna lill-appellata sabiex tagħlaq kull kuntratt ta' kiri sal-aħħar ta' Marzu, sabiex b'hekk is-soċjetà appellanta jkollha rendikont ta' dak li kien hemm pendenti, u fid-9 ta' April, 2019 hija kienet ħallset lill-appellata għall-pendenzi. Osserva li x-xhud qal ukoll li s-senserija kienet dovuta biss lis-soċjetà appellanta, kif wara kollox kien juri l-kuntratt in kwistjoni. Imbagħad in kontro-eżami x-xhud aċċetta li l-appellata kienet sabet ix-xerrejja, iżda ma qabilx li hija kienet sabet ukoll il-venditur, li jgħid li kien diġà reġistrat fis-sistema tas-soċjetà appellanta. It-Tribunal imbagħad osserva li għalkemm l-appellata baqgħet tinsisti li hija kienet sabet ukoll il-proprjetà, dan il-punt ma kienx ġie ppruvat b'mod konvinċenti.

16. It-Tribunal iddikjara li huwa kien ukoll ħa in konsiderazzjoni dak li qalu x-xhieda l-oħra, u osserva li filwaqt x-xhieda prodotti mill-attriċi kienu kkonfermaw dak li qalet hi li Cecil McCarthy kien wegħedha li ser iħallasha, ix-xhieda prodotti mis-soċjetà appellanta xehdu aktar fuq l-atteġġjament u l-karattru tal-appellata, mingħajr ma taw wisq ħjiel fuq il-kwistjoni mertu tal-każ. It-Tribunal korrettement iddikjara li kien ġie ppruvat li kien bil-ħidma tal-attriċi li seħħ il-bejgħ tal-proprjetà, u dan tgħid il-Qorti huwa proprju fejn is-soċjetà appellanta qegħda toġġezzjona bil-qawwa kollha, kif jirriżulta mit-tieni aggravju tagħha.

17. It-Tribunal hawn għamel diversi osservazzjonijiet tassew rilevanti għall-vertenza odjerna, fejn iddikjara li Cecil McCarthy kien proprju ppermetta lill-appellata tattendi għall-konvenju u saħansitra rrilaxxja d-debita riċevuta fiskali għas-senserija wara li seħħ il-bejgħ, u dan hekk kif huwa kien jaf li l-appellata kienet ħadmet għall-bejgħ, u kienet preżenti wkoll għall-kuntratt, tant hu hekk li hija kienet kellmitu dwar il-kwistjoni tal-irċevuta fiskali sabiex in-nutar jirrilaxxja ċ-ċekk tas-senserija. Il-Qorti diġà kellha l-opportunità aktar 'il fuq f'din is-sentenza li tirrileva li s-soċjetà appellanta mhijiex qegħda tikkontesta dan kollu.

18. It-Tribunal osserva wkoll li għalkemm is-soċjetà appellanta kienet qegħda ssostni li hija ħallset lill-appellata għas-saldu wara li temmet ir-relazzjoni minn magħha, dan ma kienx ġie ppruvat, u Cecil McCarthy kien saħansitra qal lill-appellata sabiex tagħlaq dak kollu pendenti hekk kif intemmet ir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom f'Marzu 2019. Qal ukoll li l-attriċi u x-xhieda tagħha qalu li Cecil McCarthy kien aċċetta quddiemhom li ser iħallasha dak li kienet

qegħda tippretendi fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti għandha tgħid li ma ssibx raġuni għaliex għandha tiddubita minn dan kollu, u tgħid li hija tikkondividi pjenament il-konklużjonijiet tat-Tribunal.

19. Imbagħad it-Tribunal irrileva li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kinitx waħda ta' impjegat u prinċipal, u ma kienx kontestat il-fatt li l-appellata kienet qed taħdem għal rasha, iżda id f'id mas-soċjetà appellanta. Filwaqt li ddikjara li huwa ma kienx ser jinvestiga r-raġuni għaliex intemmet ir-relazzjoni professjonali bejn il-partijiet, stante li dan ma kienx il-mertu tal-vertenza odjerna, it-Tribunal stqarr li ġaladarba hija kienet tat servizz, hija kienet tenuta li titħallas tiegħu. Il-Qorti ma tistax hawn ma taqbilx mal-fehma tat-Tribunal, u tgħid li dan kollu huwa irrilevanti fid-deċiżjoni tal-vertenza odjerna, u għalhekk anki t-tieni element tat-tieni aggravju mfisser mis-soċjetà appellanta.

20. It-Tribunal għaraf li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, li sar wara li ntemmet ir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom, kien il-pass formali sabiex jissiġilla l-ħidma tagħha. Irrispettivament jekk il-kuntratt sarx f'April jew f'Ġunju 2019, jew jekk hija kellhiex il-jedd li tirrappreżenta lis-soċjetà appellanta, il-ħlas kien dovut lilha għax-xogħol li għamlet, bil-modalitajiet li kienu jitħaddmu bejn il-partijiet dak iż-żmien, b'dana li kienet saret prova konvinċenti mill-appellata biss dwar il-50% tas-senserija rappreżentanti s-somma bażika u l-5% tal-istess senserija jekk ix-xerrej jinstab mill-appellata. B'hekk it-Tribunal iddikjara li l-appellata kienet dovuta li titħallas 55% mis-somma perċepita mis-soċjetà appellanta li kienet ta' €3,272.50. Dwar il-*bonus* it-Tribunal qal li dan dejjem kien a diskrezzjoni tal-prinċipal, u huwa ma kienx ser jissostitwixxi dik id-diskrezzjoni b'tiegħu, u għalhekk ma kienx ser jgħaddi sabiex jordna lis-soċjetà

appellanta tħallas dak il-*bonus* lill-appellata. Il-Qorti taqbel bis-sħiħ ma' dak kollu li fisser u kkonsidra t-Tribunal, u ma ssib l-ebda raġuni għaliex hija għandha tmur kontra d-deċiżjoni tiegħu. Anki din il-Qorti tqis li l-appellata għandha tiġi kkumpensata għax-xogħol tagħha, u minn imkien mill-provi ma jirriżulta li hija kienet ċediet id-dritt tagħha għal kumpens jew li s-soċjetà appellanta b'mod ċar uriet li dan kien il-ftehim ta' bejniethom.

21. Għaldaqstant il-Qorti ssib it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**